**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat:**

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Raoul Vassallo**

**Illum 07 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Raoul Vassallo** (K.I. 0603697 M) iben Raymond u Patricia Grace nee' Bugeja imwieled fil-13.09.1997 u joqghod 75, Rujan, Triq San Gwann l-Ghamied, Rabat akkuzat talli fis-27 ta' Novembru 2018 ghall-habta ta' 08:40 hrs fi Triq Gaetano Mannarino, Birkirkara soqt vettura LDA 635;

1. U b' nuqqas ta' hsieb u bil-traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura nru HBW 116 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Doreen (Maria-Dolores) Turner Bilocca;
2. U meta kont involut fl-incident tat-traffiku ma' vettura nru HBW 116 inqast li tieqaf u meta kien mehtieg inqast li taghti l-partikolarijiet tieghek u d-dettalji tal-vettura li kont qed issuq kif mitlub bil-ligi u/jew inqast li tirrapporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjani Lokali;
3. U aktar inqast li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'Stop'.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-affidavit ta’ PC 236 Warren Pirotta, l-affidavit ta’ Stephen Cachia ezebit fis-seduta ta’ 17 Ottubru 2022, semghet ix-xhieda ta’ Doreen Turner Bilocca li ezebit ritratt Dok DTB u CCTV Dok DTB 1 fis-seduta tal-17 ta’ Ottubru, 2022; ta’ Christian Borg fis-seduta tal-20 ta’ Frar, 2023 u fl-10 ta’ Lulju, 2023.

Rat li fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru, 2022 l-imputat jiddikjara li hu jirrinunzja ghal kull azzjoni li seta’ jkollu rigwardanti dan l-incident fil-konfront ta’ l-*parte civile* Doreen Turner Bilocca;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-17 ta’ Ottubru, 2022;

Rat li fis-seduta tal-20 ta’ Frar, 2023 l-imputat iddikjara li jaghzel li ma jixhidx;

Rat li fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023 l-imputat ghalaq il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Rat l-artikoli 328 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, L-artikolu 67(1)(5) tal-L.S. 65.11 MVR, Reg. 2 Taqsima II Art E (a) tal-L.S. 65.02

Rat l-provi, ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**PC 236 Warren Pirotta** xehed bil-procedura tal-affidavit. Nhar sebgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (27.11.2018) gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara giet il-kwelelanta, Doreen (Maria Dolores) Bilocca Turner taghmel rapport li xi hadd li ma tafux laqtilha l-vettura meta kienet gewwa Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara quddiem il-Mobile Stop. Hija stqarret li dak in-nhar stess, ghal habta ta' 08:40 hrs kienet fit-telgha direzzjoni lejn B' Kara u kien hemm karozza ta' lewn iswed skur u hareg minn go side street u laqatha, dahqilha u baqa' sejjer. In-number plate kienet LDA 635. Il-hsara hija fil-bieba ta' wara, fil-mudguard ta' wara u l-bumper ta' wara n-naha tax-xuffier. PC 1208 hareg jara l-vettura u konferma l-hsarat.

Sid il-vettura gie ikkuntatjat. Nhar id-29.11.2018 gie l-ghassa Raoul Vassallo bil-vettura tieghu LDA 635 fejn gie infurmat x' inhu r-rapport u gie moghti s-solita twissija u dritt li jkellem avukat qabel jaghti l-verzjoni tieghu. Raoul stqarr li huwa kien ix-xoghol u ha jipprovdi prova li kien xoghol u mhux fuq il-post tal-habta fl-imsemmi hin. Huwa stqarr li jixtieq ikellem avukat u ghalhekk gie mitlub jigi sas-Sibt 01.12.2018 biex jipprovdi l-provi ukoll. Nhar 30.11.2018 il-kwelelanta gabet kopja ta' CCTV cameras. L-imputat ma giex l-ghassa kif mitlub. Giet iffirmata dikjarazzjoni minn naha tal-kwerelanta li tixtieq tmexxi il-kaz il-Qorti.

**Stephen Cachia,** rapprezentant tad-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita' ghat-Transport Malta xehed permezz ta' affidavit datat 5 ta' Frar 2019. Jixhed li minn indagni li ghamel fir-rekords tal-Awtorita' irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDA 635, marka Volkswagen Golf ta' kulur iswed hija registrata fuq Raoul Vassallo (K.I. 603697 M) mis-7 ta' Mejju 2018.

**Doreen Turner Bilocca**, il-*parte civile*, xehedet fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022. Ix-xhud kienet qed qed issuq Vitz Toyota hamra. Fuq l-incident tixhed:-

> "Jiena 27/11/2018 kont tielgha Mannarinu road u minn side street triq il-Qasab sa fejn naf jien kien hiereg is-sur Raoul Vassallo."
>
> *. . . omissis . . .*

> " kont itelgha u hareg u laqatni fuq il-bieba ta` wara il-bumber u l mudguard jiena malli laqatni intfajt fil-genb u hu flok waqaf baqa` sejjer hares lejja dahaqli u baqa `sejjer jiea cempilt l-ghassa."

Mistoqsija jekk taghrafx il-persuna, ix-xhud indikat lil imputat fl-awla.

Sussegwentement marret taghmel rapport u mill-ghassa ghamlu kuntatt mal-imputat. Tixhed li hu qal lil pulizija li l-anqas kien qieghed hemm. Tixhed li hi ghanda provi minn camera ta' hanut vicin li l-karozza kienet hemm u l-karozza hija fuq ismu. Ir-ritratt u CCTV li gie ezebit gabitu ix-xhud stess minghand tal-hanut. Fuq ir-ritratt ezebit tixhed li l-karozza li qed issuq hi qehda fuq il-bus stop. Ix-xhud tghid li r-ritratt juri li li l-karozza tal-imputat kienet qeghda fit-triq mhux kif qal hu li kien qieghed fuq xoghol.

<u>Provi difiza</u>

**Christian Borg,** xehed fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2023. Jixhed li fis-sena 2018 l-imputat kien jahdem mieghu go showroom Hal-Farrug. Il-hinijiet tax-xoghol tieghu kienu mid-9:00 am sas-7:00 pm. Mistoqsi x' kien jikkonsisti ix-xoghol tal-imputat jirrispondi

> "Avu: Issa il-manzjonijiet tieghu allura meta qed nghidu jahdem is-Showroom x`kienu jinkludu jekk jogghbok?

Xhud: Car seats, iwassal il-karozzi ghall-preparation li jkunu mibjughin, imur Transport Malta jigbor xi xoghol bhala number plates bhala licenzji, u affarijiet relatati mas-sales tas-Showroom."

Fix-xhieda tieghu tal-10 ta' Lulju, 2023 ix-xhud jikkonferma li fis-27 ta' Novembru, 2018 l-imputat kien xoghol mid-9:00 am sa 17:00 ta' wara nofs innhar.

**Ikkunsidrat**

Il-kaz jitratta incident ta' hit and run li sehh fis-27 ta' Novembru, 2018 ghal habta ta' 08:40 hrs fi Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara ghad-danni tal-*parte civile* Doreen (Maria-Dolores) Turner Bilocca li kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBW 116 Id-difiza tal-imputat huwa ma kienx hemm fil-hin tal-incident.

**Ikkunsidrat**

Sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Issir referenza ukoll ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[1] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[2].

---

[1] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[2] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz in ezami, l-*parte civile* ma ratx lil imputat meta sar l-incident imma qed tibbaza li kien l-imputat ghaliex inlaqtghet minn karozza ta' lewn iswed. Il-footage li ezebiet ma juriex id-dinamika tal-incident imma wara li l-parte civile marret fil-gemb tat-triq u waqfet fuq bus stop.

Mill-banda l-ohra meta gie mitkellem mill-pulizija l-imputat cahad li kien fit-triq dak in-nhar tal-incident u li kien xoghol. Christian Borg, l-imghallem tieghu ta' dak iz-zmien,ikkonferma li dak in-nhar l-imputat kien xoghol fil-9:00 am gewwa Hal Farrug u dan wara li ivverifika mal-attendenza ta' dak in-nhar. L-*parte civile* ma ratx sew lil imputat wara li l-karozza sewda habtet maghha, hija xehedet li l-karozza baqghet ghaddejja u li wara li intefghet mal-gemb hares lejha, dahqilha u baqa' sejjer. L-incident sehh fil-27 ta' Novembru, 2018 u x-xhieda taghha kienet 17 ta' Ottubru, 2022, erba' snin wara l-incident. Fil-CCTV footage ezebit ma jihdrix is-sewwieq tal-vettura li allegatament habtet maghha. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti tisskonsidra li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz f' grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni

---

course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

[3] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' l-artikoli 328 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, L-artikolu 67(1)(5) tal-L.S. 65.11 u Reg. 2 Taqsima II Art E (a) tal-L.S. 65.02 qegħda ssib lil **Raoul Vassallo** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**